DIĊEMBRU 2023

# IS-SEMINARJU










# U BAQA' SEJJER, MIEXI, MIEXI!

**DUN JIMMY BONNICI** | RETTUR

"U Abram baqa' sejjer, miexi, miexi lejn in-Negeb" (Ġenesi 12,9). Meta bħala komunità ġejna biex nagħżlu t-tema ta' din is-sena, spikkat din il-frażi: "baqa' miexi". X'għenu lil Abram ma jkunx persuna mwaħħla jew staġnata? Din il-frażi tispirana: Xi tfisser għalina bħala Seminarju u bħala Knisja li nibqgħu miexja u ma neħlux quddiem l-isfidi?

**Wegħda**

Fir-rakkont ta' Abram joħroġ ċar li s-sigriet huwa l-wegħda t'Alla: wegħda ta' art li Abram għadu ma rax; wegħda ta' nisel meta martu Sara hija sterili; wegħda li ma tinkludi ebda sigurtà ħlief il-fiduċja f'min qed jagħmilha. "Qum u itlaq minn artek ... lejn l-art li jien nurik. U jien nagħmlek ġens kbir, inbierkek u nkabbarlek ismek. U int tkun barka." (Ġenesi 12, 1-2)

Abram għaraf jadura lil Alla waħdu, poġġa l-fiduċja sħiħa fih u ħalla l-qalbu titmexxa mill-wegħda tiegħu. Fiduċja li għamlitu kapaċi joħlom kbir, lil hinn mill-ħolm żgħir ta' żmienu. Fiduċja li għenitu jibqa' jfittex u jieħu deċiżjonijiet tajbin anke meta ma kienx qed jara riżultati. Għenitu jkun pellegrin – miexi lejn destinazzjoni sigura – mhux vagabond – jiġri wara r-riħ!

**Komunità b'wegħda**

Aħna wkoll bħala komunità tas-Seminarju msejħin biex nibqgħu miexja:

- b'fiduċja sħiħa f'Alla li impenjat li jwassal barka permezz tas-saċerdot djoċesan.
- b'fiduċja fil-futur li Alla qed iħejji: għalhekk nistudjaw ir-realtajiet ġodda fid-dawl tal-Kelma t'Alla u t-tagħlim tal-Knisja.
- b'fiduċja fil-persuni konkreti li l-Mulej jistedinna nimxu magħhom fil-Knisja: għalhekk stedinna familja tmexxina fit-talb tal-*Lectio Divina*; stedinna saċerdoti biex jaqsmu magħna esperjenzi ta' kif twassal l-Evanġelju f'realtajiet ġodda.

Nibqgħu mexjin!



# KIF NARAW U NISIMGĦU?

**DUN JAMES SAYDON** | DIRETTUR TAĊ-ĊENTRU TAL-VOKAZZJONIJIET

Id-diskussjoni dwar il-vokazzjonijiet illum tista' tkun waħda kemmxejn delikata. Iżda nagħmlu l-qalb!

Siltiet differenti mill-Iskrittura, kontinwament ifakkruna li għal Alla xejn mhu iebes jew daqshekk diffiċli biex nitilfu t-tama li nies ġodda jagħmlu l-esperjenza ta' Alla u jirrispondu għas-sejħa tiegħu! Irrispettivament miż-żminijiet jew iċ-ċirkostanzi partikolari, Alla kontinwament sab modi kif jiżra' f'qalb bnedmin ġodda x-xewqa li jiskopru lilu u l-imħabba tal-Missier. Ir-rakkont tal-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla, forsi jibqa' l-aqwa u l-isbaħ ikona ta' kif Alla jilħaq il-bniedem u jirnexxielu jikkomunika miegħu:

*"U l-Kelma saret laħam u għexet fostna, u rajna l-glorja tiegħu,*
*il-glorja bħall-iben waħdieni tal-Missier, mimlija grazzja u verità."*

Kif jgħid ukoll San Pawl fl-Ittra lill-Filippin, Alla "ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem!" B'dan il-mod aħna stajna "narawh b'għajnejna u nisimgħuh b'widnejna"! Għaldaqstant, illum irridu nibnu fuq din l-istess ikona, u nsibu lingwi u modi ġodda kif nistgħu ngħinu lit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna "jaraw" u "jisimgħu" lil Alla jkellimhom bl-għajnejn partikolari tagħhom u bil-lingwa li kapaċi jifhmu huma.

Bħalissa fiċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet qiegħda ssir mixja fuq diversi livelli biex jirnexxielna naslu propju għal dan. Mixja li titlob impenn, ftuħ għas-sinjali tal-Ispirtu kif ukoll kuraġġ li niskopru dawn il-lingwi u dinamiċi ġodda li m'aħniex imdorrijin bihom! Nitolbu sabiex bħal Kristu fil-laqgħa tiegħu mal-mara Samiratana, ma nibżgħux noħorġu 'l barra mill-istili tas-soltu. B'hekk jirnexxielna nidħlu fi djalogu ta' mħabba mal-oħrajn li jlaqqagħhom ma' Kristu. Sabiex huma wkoll jiftħu qalbhom għalih u għas-sejħa tiegħu!



# IT-TALJAN TAL-GĦODDA

**DANIEL ABELA** | SENA III



Qabel dħalt is-Seminarju, jien u ħuti konna nkunu qegħdin il-garaxx naħdmu fuq il-karozzi tagħna. Ta' spiss kien jiġi Taljan biex ibigħilna l-għodda. U aħna konna dejjem naraw x'għodda ġdida għandu jew liema għodda jaf xi darba niġu bżonn. Taf int, erfa' u sorr għal meta tiġi bżonn! Għodda xtrajna ħafna, imma ħafna għadhom fil-kexxun forsi xi darba jintużaw. Uħud minnhom intużaw darba biss, u nammetti li wara li jkun għadda ż-żmien, inkun rajthom ħela ta' flus! Imma mnalla kienu dawn l-għodda żejda għal dik il-problema rari li tinqala', anke jekk għal darba.

Issa li bdejt it-tielet sena fil-mixja formattiva tiegħi, li jkolli għodda "żejda" bdiet tagħmel sens. Dawk l-għodda kollha li ksibt fil-ħajja tax-xogħol, anke jekk f'kuntest sekulari, u wkoll dawk l-għodda li ksibt fis-snin tal-formazzjoni li għaddew, Alla bil-providenza kbira tiegħu dejjem isibli xi użu ġdid għalihom f'dak li niltaqa' miegħu. U dan biex inkompli nikber fir-relazzjoni tiegħi ma' Ġesù u mal-oħrajn.

F'din il-kaxxa tal-għodda tiegħi, vera ftit huma dawk l-għodda li waqgħu mis-sema. Ħafna ksibthom bl-isforzi tiegħi fis-sitwazzjonijiet differenti li għoġbu jipprovdili l-Mulej u permezz ta' ħafna persuni li akkumpanjawni s'issa. Fil-garaxx qatt ma sibt spanner ta' qies partikolari li qatt ma xtrajt, u l-istess fil-ħajja tiegħi. L-għodda umani u spiritwali li ma kellix fil-kaxxa tal-għodda, la qatt sibthom u wisq inqas użajthom. Allura meta l-Mulej jogħġbu jibgħatlek "xi Taljan ibigħlek l-għodda," ħu ħsieb ixtri dak li għandek bżonn jew li taf tiġi bżonn. Għax jekk Alla jista' jaħdem bix-xejn tiegħek, kemm aktar jista' jaħdem b'dak li diġà għandek!

Tajjeb li nitolbu din it-talba ta' San Ġwann Marija Vianney għall-qdusija tas-saċerdoti:

Mulej Alla tagħna,
agħti llum fil-Knisja tiegħek
ħafna aktar saċerdoti skont qalbek.

Agħmel li huma jkunu xempji denji
ta' Kristu r-Ragħaj it-Tajjeb.
Agħtihom il-grazzja
li joffru ruħhom
għal ħajja ta' talb u sagrifiċċju.

Agħmel li jkunu eżempji
ta' umiltà u faqar,
u xempji jiddu ta' qdusija.

Agħtihom li jwasslu l-Kelma tiegħek
bil-qawwa u l-perseveranza,
u li jsawwbu l-grazzja tiegħek
b'żelu kbir fis-sagramenti.

Agħmel li l-imħabba tenera tagħhom
għal Ibnek Ġesù preżenti fl-Ewkaristija
u għal Ommu Marija
jkunu dejjem għejun għammiela
fil-ministeru tagħhom.

Ammen.



# X'GĦADDA MINGĦALINA?

**22 ta' April 2023**
Ordinazzjoni Djakonali





**13 ta' Mejju 2023**
Ordinazzjoni Presbiterali

**9 ta' Ġunju 2023**
Ċelebrazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù mal-ġenituri, u l-benefatturi tas-Seminarju





**18 - 23 ta' Settembru 2023**
Irtir tal-bidu tas-sena formattiva flimkien mas-Seminarju t'Għawdex



**16 ta' Ottubru 2023**
Ikla ma' dawk li ħdimna magħhom fis-sajf



**18 u 21 ta' Ottubru 2023**
Qtugħ taż-żebbuġ fil-ġonna tas-Seminarju



**26 ta' Ottubru 2023**
Lejliet il-Mater Admirabilis



**27 ta' Ottubru 2023**
Ċelebrazzjoni tal-Mater Admirabilis mal-ġenituri, u l-benefatturi tas-Seminarju



**1 ta' Novembru**
L-għoti tal-Ministeru tal-Akkolitat lil Matthew Sammut

# "MHUX IMPORTANTI META ... L-AQWA LI SSIR"

**LUKE VELLA** | SENA III

Madwar 50 sena ilu, l-artist Kiko Argüello u x-xjentista Carmen Hernández flimkien ma' xi saċerdoti marru għand il-Papa Pawlu VI biex iwasslulu x'qed jurihom l-Ispirtu ta' Alla b'għotja lid-dinja.

Il-bidu ta' dan kollu jafu lil dawk in-nies li kienu jinġabru fl-islums ta' Palomeras Altas fi Spanja. Hawnhekk kienu jinġemgħu persuni homeless, foqra, ħallelin, kriminali, immigranti, drogati kif ukoll diversi persuni li ma kienu jaraw ebda skop f'ħajjithom. U proprju hemm, qalb il-fqar u l-imwarrbin mis-soċjetà, twaqqfet il-Mixja Neokatekumenali.

Għaliex **NEO**katekumenali? Il-katekumenu huwa dak li qed jitħejja biex jiġi mgħammed. F'dan il-każ, il-persuni li bdew jintlaqtu minn din l-imħabba u l-Kelma ta' Alla li bdew iħabbru Kiko, Carmen u xi saċerdoti, kienu diġà mgħammdin. Għaldaqstant, issa kien wasal il-mument li jibdew il-formazzjoni tal-katekumenat; proprju wara l-Magħmudija.

Meta lil Pawlu VI ħabbrulu dan, kien wieġeb, **"Jekk il-mixja ssirx qabel jew wara l-magħmudija, hija sekondarja; l-aqwa li ssir!"**

Għaliex Mixja? Bħal mixja f'xi pajsaġġ sabiħ, mixja timplika vjaġġ. Però mhuwiex vjaġġ li tagħmlu f'ġurnata. Lanqas f'ġimgħa. Iżda snin u snin twal.

Din il-mixja mhix biss interessata mid-destinazzjoni, iżda mill-vjaġġ innifsu; imsejjes fuq tliet pilastri: il-Kelma ta' Alla, il-Liturġija u l-Komunità. B'ħarsa lejn il-Misteru Paskwali: "Kristu l-Għid tagħna rxoxta għalina mill-mewt". L-Għid – li l-għerq stess ta' din il-kelma huwa identiku għal dak ta' 'mogħdija' – huwa l-vjaġġ li rridu nimxu flimkien, ma' Ġesù u Marija. B'din il-ħeġġa nkunu qed nidentifikaw ma' dak li Pawlu VI kiteb f'*Evangelii Nuntiandi*:

> *Il-Knisja teżisti biex tevanġelizza, jiġifieri biex tipprietka u tgħallem, biex tkun il-kanal tad-don tal-grazzja, biex tħabbeb mill-ġdid il-bnedmin ma' Alla, biex iġġedded is-sagrifiċċju ta' Kristu fil-Quddiesa, li hija t-tifkira ta' Mewtu u tar-Reżurrezzjoni Tiegħu.*





# IX-XEWKA LI TWARRAD BIL-GRAZZJA TA' ALLA

**PATRI IVAN SCICLUNA OFM CAP.** | PREDIKATUR TAL-IRTIR FIL-BIDU TAS-SENA

Waħda mill-isfidi kbar fil-ħajja kienet, għadha u tibqa' kif għandna nġibu ruħna fit-tbatija. Kif kien jgħid San Piju tal-Pjagi, "fid-dinja kulħadd ibati, imma mhux kulħadd jaf ibati". Fis-silta 2 Kor 12:6-10, naraw kif San Pawl 'jitgħallem' kif ibati, ċoè kif jintegra tajjeb ix-"xewka" tiegħu u jħalliha ssirlu "l-ġebla tax-xewka" fil-mixja ta' konverżjoni tiegħu.

Fl-ewwel żewġ versi tas-silta, narawh jitqabad max-"xewka" tiegħu, jirreżistiha, jitlob biex titneħħielu u jilmenta mid-dulur li kienet tikkawżalu. B'ebda mod ma ried jaċċetta din ix-"xewka" li ma qatt ma jgħidilna x'kienet. L-istudjużi ma jaqblux dwar in-natura tax-"xewka": min jgħid li kienet difett fiżiku, min xi persuna li kienet tfixklu, min tentazzjonijiet karnali, min sens ta' inferjorità, eċċ.

Lejn nofs is-silta naraw li San Pawl ikollu esperjenza ta' Alla, li fiha 'jaqgħulu bħal qxur' minn mal-għajnejn ta' qalbu, jilbes il-perspettiva ta' Alla fuq ix-"xewka" u jagħraf li din ix-"xewka" fil-verità kienet id-duwa, il-mediċina li tista' tfejqu mit-'tumur' serju li kien marad bih – il-kburija. Hu stess jistqarr għal darbtejn fil-bidu tas-silta li din ix-"xewka" kienet tqegħditlu "biex ma jintefaħx".

Meta jagħraf is-sens spiritwali tax-"xewka" tiegħu, San Pawl jikkonverti (Gk: metanoia – jibdel fehmtu), jieqaf jirreżistiha, jgħannaqha miegħu u jintegraha fil-mixja tiegħu.
Din l-esperjenza ta' San Pawl tista' tkun l-esperjenza tiegħek ukoll, jekk biss tħalli lil Alla jneżżgħek mill-mod kif inti tħares lejn ix-"xewka", is-"salib", il-"kalċi" tiegħek, u tħallih ilibbsek in-nuċċali tiegħu u jfiehmek is-sens ta' dak li qed iġarrab. Imbagħad tifhem int ukoll kemm huma minnhom il-kliem ta' Fr P. V. Breemen SJ, meta jgħid: "What we resist, persists … only what we accept can be transformed!"



# BABY STEPS

**ADAM BALDACCHINO** | SENA II

As the Christmas season draws near, our minds seem to be filled with this constant excitement of finding the perfect gifts for our loved ones. Amid this stressful time, it is essential to set our focus back on the real meaning of Christmas which is summed up in the name of Emmanuel – meaning 'God is with us'.

To help with this refocus, let us take a moment to indulge in pure imagination. Imagine residing in Nazareth, in the neighbourhood of the toddler Christ. Being acquainted with the family of Mary and Joseph, and eagerly assisting with their daily chores, whenever possible One day, Mary comes and asks you to babysit Jesus for the night, as they have an important dinner to attend.

Picture yourself sitting under soft candlelight, observing the toddler Christ taking his first steps. Bashing his knees on the stone floor, you watch him fall time and time again. At one point, you get up, gently grabbing him by his wrists and helping him in traversing the room. His gleeful eyes meet yours, exchanging a sweet and innocent smile in his achievement.

This embodies the true spirit of Christmas. Sharing moments with Emmanuel, letting Him receive all from you as He gives all to you. This season, I invite you to carve out a fragment of your busy schedule to 'babysit' the toddler Christ near his current home, the Tabernacle.



# L-INTERĊESSJONI ... XI TKUN?

**DUN MARK SULTANA** | DIRETTUR SPIRITWALI

L-Interċessjoni tfisser li wieħed ikollu relazzjoni personali ma' Alla u relazzjoni ta' solidarjetà mal-oħrajn. Fiha, il-fidi u l-imħabba jiltaqgħu. Għalhekk, l-interċessjoni tfisser li aħna lkoll magħqudin flimkien spiritwalment f'Alla l-Imbierek. Alla hu perseveranti u paċenzjuż u aħna lkoll nipparteċipaw f'din l-imħabba tiegħu.

Ġob jispjega li l-interċessjoni tfisser li wieħed ikollu id fuq l-ispalla ħanina ta' Alla u id fuq l-ispallejn muġugħa tal-bniedem. Għalhekk, l-interċessjoni tressaq l-uġigħ, ix-xewqat u t-tamiet tal-bniedem lejn ix-xenqa u l-għatx ta' Alla.

L-interċessur il-kbir hu Ġesù li qiegħed fi ħdan il-Missier, dejjem jitlob bil-ħerqa għal kull wieħed u waħda minna. Hu jħobbna personalment. Meta nieħdu sehem fil-quddiesa jew meta naduraw lil Ġesù fl-Ewkaristija, inkunu qed nissieħbu ma' din it-talba kbira u ħanina ta' Ġesù għal kulħadd. Il-Knisja teżisti biex tinterċedi – flimkien ma' Ġesù – għal kulħadd. Fiha nitgħallmu nissieħbu ma' Ġesù li ta ruħu għalina fuq is-salib. Dan jimliena bil-kuraġġ u b'hekk nikbru fl-għotja konkreta tagħna għall-oħrajn minkejja l-faqar u d-dnub tagħna lkoll. Aħna nagħmlu dan – ma' Ġesù – ikkunsmati bi mħabba lejn il-Missier fidil u ħanin, u lejn l-umanità kollha.

"Is-Sorijiet Karmelitani Skalzi tal-Kunvent Santa Margerita f'Bormla qalulna li jinterċedu bit-talb għall-oħrajn b'dan il-mod:

- Qabel xejn nitolbu flimkien magħhom.
- Nibdew billi nqiegħdu l-fiduċja tagħna kollha f'Alla li dejjem jagħtina dak li hu ta' ġid għalina.
- Noffru mhux biss it-talb vokali għall-bżonnijiet tagħhom iżda wkoll it-talb mentali matul il-ġurnata u anke matul il-lejl billi nitkellmu ma' Ġesù fuq il-ħtiġijiet u t-tbatijiet ta' dawk il-persuni.
- Nafdawhom lil Ġesù Ewkaristija speċjalment waqt il-Quddiesa u b'mod partikolari waqt il-mument tal-elevazzjoni.
- It-tbatijiet tal-ġurnata huma teżor kbir! Ma naħluhomx billi noffruhom bħala talba għall-bżonnijiet ta' dawn il-persuni."

**Ninterċedu b'mod speċjali għal dawk li se jkunu ordnati fix-xhur li ġejjin:**



**Rev. Karl Andrew Schembri**

*Se jkun ordnat saċerdot*



**Rev. Malcolm Saliba**

*Se jkun ordnat saċerdot*



**Matthew Sammut**

*Se jkun ordnat djaknu*

# TIXTIEQ TGĦIN LIS-SEMINARJU?

Ta' kull sena aħna nafdaw fil-ġenerożità tiegħek u fl-għajnuna li dejjem offrejt lis-Seminarju.

Flimkien mat-talb tiegħek tistgħa tgħin billi:

- Tibgħat ċekk bl-offerta tiegħek indirizzat 'Is-Seminarju tal-Arċisqof' fl-indirizz postali: **Seminarju tal-Arċisqof, 90 Triq Tal-Virtù, Rabat RBT 2604.**
- Tgħaddi l-offerta tiegħek lis-Seminarju fuq il-kont tal-APS Bank plc – dettalji tal-kont:
  **The Archbishop's Seminary – Major**
  **IBAN Number: MT15APSB77068000499110499130014**
  **SWIFT Code: APSBMTMT**
- Tħallas Borża ta' Studju ta' €600 (jew parti minnha) li tista' tħallasha f'daqqa jew tagħżel li tħallas ammont żgħir kull xahar kemm tixtieq int.

Grazzi mill-qalb tal-għajnuna u s-sehem tiegħek fil-formazzjoni tas-Seminaristi.



Ritratt: Ian Noel Pace | Archdiocese of Malta

+356 2145 5497/8 seminary.org.mt info@seminary.org seminary.malta